

Brussell, 27 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

14183/25  
PV CONS 51  
SOC 675  
EMPL 442  
SAN 640  
CONSOM 227  
*PARLNAT*

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)  
17 ta' Ottubru 2025

## 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 13660/25.

## 2. Approvazzjoni ta' punti "A"

### Lista mhux leġislattiva

13744/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet dwar dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

### b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

13745/25

## Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

### 1. Emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2026



13726/25

FIN

*Nonapprovazzjoni tal-emenda/i tal-Parlament Ewropew approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-15.10.2025*

Il-Kunsill ikkonferma li ma jistax japprova l-emendi kollha għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2026 jekk jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u approva l-abbozz ta' ittra lill-Parlament Ewropew għal dak il-għan, kif jinsab fl-Anness tad-dokument ta' hawn fuq.

## Attivitajiet mhux leġislattivi

### 3. Konklużjonijiet dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika: prevenzjoni, identifikazzjoni bikrija u intervent



13244/25 + ADD 1

*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-"Konklużjonijiet dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika: prevenzjoni, identifikazzjoni bikrija u intervent", kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

Il-Bulgarija u l-Ungerija ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

4. **Il-ġlieda kontra l-mibegħda, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ** 13236/25 + COR 1  
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar "Il-ġlieda kontra l-mibegħda, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra persuni LGBTIQ", iggwidat min-nota tal-Presidenza kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

5. **Konklużjonijiet dwar l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà permezz tal-promozzjoni tal-ġhajxien indipendenti** 13386/25  
+ COR 1 (mt)  
+ REV 1 (de)  
+ REV 2 (fr)  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-"Konklużjonijiet dwar l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà permezz tal-promozzjoni tal-ġhajxien indipendenti", kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

6. **L-avvanz tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà fl-UE: sfidi, progress u direzzjonijiet futuri** 13392/25  
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar "L-avvanz tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà fl-UE: sfidi, progress u direzzjonijiet futuri", iggwidat min-nota tal-Presidenza kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

### **Affarijiet oħra**


7. a) **Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi, inkluż enfasjoni tematika fuq l-istereotipi tas-sessi<sup>1</sup>** 13456/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

---

<sup>1</sup> Fil-preżenza tad-Direttur tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE).

**b) Attivitajiet tal-Prezidenza:**

 13472/25

**i) Konferenzi ta' livell għoli**

1. Politika dwar l-ugwaljanza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Prezidenza.


2. Politika soċjali

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Prezidenza.

**ii) Laqgħa informali tal-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (Aalborg, 7-8 ta' Lulju 2025)**  
*Informazzjoni mill-Prezidenza*


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Prezidenza.

**c) Rapport ta' progress annwali 2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar**  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

 13455/25


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni (Ugwaljanza, Preparatazza u Ġestjoni tal-Kriżijiet) dwar ir-Rapport annwali tagħha dwar is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar.

**d) Inizjattiva għal Jum Ewropew tal-Lingwi tas-Sinjali**  
*Informazzjoni mill-Ungerija, appoġġata minn Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja*

 13453/1/25 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija, Il-Belġju, il-Bulgarija, l-Irlanda, il-Kroazja u l-Iżvezja esprimew bil-fomm l-appoġġ tagħhom għal din l-inizjattiva.

---

 Dibattitu pubbliku propost mill-Prezidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 13660/25**

**Dwar il-punt "B"**      **Konklużjonijiet dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika:**  
**nru 3:**                      **prevenzjoni, identifikazzjoni bikrija u intervent**  
                                    *Approvazzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"provvista ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika: *prevenzjoni, identifikazzjoni bikrija u intervent*".

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, li parti importanti minnhom hija l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Il-pajjiż hu u ser jibqa' ddedikat għall-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif minqax fit-Trattati.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija impenjata bis-sħiħ għall-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Il-gvern Bulgaru u s-soċjetà ċivili huma impenjati b'mod attiv fil-prevenzjoni ta' dawn il-forom ta' vjolenza u fl-għoti ta' protezzjoni u appoġġ adegwati lill-vittmi tagħhom. Biex jesprimi dan l-impenn, il-pajjiż appoġġa wkoll l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra in-nisa u l-vjolenza domestika bħala pass importanti fil-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, il-protezzjoni tal-vittmi u l-ikkastigar tat-trasgressuri li ser tgħin lill-Istati Membri tal-UE javvanzaw il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom.

Id-dikjarazzjoni li saret mal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1385 tirreferi, fost l-oħrajn, għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottata fl-2018, li tindika li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-idea ta' "ġeneru" li huma inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-Kostituzzjoni Bulgara. Barra minn hekk, fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni, fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, għandu jinftiehem fis-sens bijoloġiku tiegħu biss (irġiel u nisa).

Għaldaqstant, u filwaqt li tafferma mill-ġdid id-Dikjarazzjoni tagħha magħmula mal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1385, ir-Repubblika tal-Bulgarija tappoġġa l-adozzjoni tal-Konklużjonijiet, filwaqt li tiddikjara li tinterpreta t-terminoloġija kollha relatata mal-ġeneru strettament fil-qafas tal-kunċett binarju tas-sess."